MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 17/2005

**Michael Buttigieg**

**vs**

**Stephen Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi fit-tnax (12) ta’ Settembru 2004, l-attur li kien issuq truck tat-tip Isuzu (numru ta’ registrazzjoni: BBF 973) kien niezel mill- pjazza tal-Qala, Ghawdex lejn id-direzzjoni tal-Bajja ta’ Hondoq ir-Rummien;

Peress illi l-konvenut kien qieghed issuq van tat-tip Mitsubishi Pagero (numru tar-registrazzjoni: IAH 428) u kien gej min naha tac-cimiterju tal-Qala, Ghawdex ghad-direzzjoni tal-pjazza meta fil-liwja huwa mar fuq ir-wrong side tat-triq u nvesta l-vettura BBF 973 misjuqa mill-attur;

Peress illi ghalhekk l-istess incident gara unikament tort u htija tal-konvenut li kien qieghed issuq il-vettura BBF 973 b'traskuragni grassa, imperizia u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Jghid l-istess konvenut ghaliex:

(1) m'ghandux jigi dikjarat unikament responsabbli ghal incident stradali in kwistjoni

(2) konsegwentament ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsin lira (Lm750) danni ikkagunati fil-vettura tieghu (BBF 973) li giet dikjarata bhala total loss.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru 2004 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Ra l-ewwel eccezzjoni fir-risposta u cioe' illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni mehtiega sabiex jiehu konjizzjoni tal-kawza ghaliex il-konvenut, li ghandu r-residenza tieghu f'Malta, ghandu l-*privlegium fori* u dan a tenur ta' l-artikolu 741 ( c ) tal-Kap 16 u sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-konfront tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident kien unikament responsabbli l-attur, Michael Buttigieg, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ikkunsidra

Din il-kawza tikkoncerna allegati danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fil-gzira t'Ghawdex; l-attur huwa residenti f'Ghawdex filwaqt li l-konvenut huwa residenti f'Malta. Ix-xhieda ddikjarati mill-attur jikkonsistu fil-wardens li ghamlu skizz u rapport tal-incident u li jirrisjedu f'Ghawdex; fis-surveyor Tarcisio Mercieca li jirrisjedi f'Ghawdex, u f'xhieda okulari mhux identifikati u allura l-anqas huwa maghruf fejn joqghodu. Min-naha l-ohra, il-konvenut iddikjara bhala xhieda tieghu lil certi Saviour Schembri u Valerie Cassar, passiggiera fil-vettura tal-konvenut, li presumibilment jghixu Malta kif ukoll ix-xhieda citati mill-attur.

Kif diga gie stabbilit minn dan it-Tribunal kif ippreseduta, f'decizjoni fil-kawza John u Rose konjugi Portelli vs Victor u Alfreda konjugi Cachia, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Lulju 2002 ir-regoli ta' Kap 12 ma japplikawx ghal dan it-Tribunal hlief meta espressament ipprovdut; ghalhekk l-artiklu 741 ( c ) li jaghti l-privilegg tal-foro lill-konvenut m' huwiex applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Dan apparti li kuntrarjament ghall-kaz tal-Qrati u anke ta' tribunali bhall-Bord li Jirregola l-Kera u dak li jirregola l-Qbiela, ma hemmx Tribunal ghal Malta u Tribunal ghal Ghawdex, imma Tribunal wiehed u uniku kemm ghal Malta kif ukoll ghal Ghawdex.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza:

"1. L-aggravju ta' l-appellanti jitratta dwar l-eccezzjoni sollevata minnhom fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 (jigifieri
wara li pprezentataw risposta fl-20 ta' Awwissu 2001) li biha
eccepew il-privilegium fori. Skond l-Artikolu 741[c] tal-Kodici
ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-eccezzjoni
ta' inkompetenza ta' qorti tista' tinghata "meta hu moghti lillkonvenut
il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari".

Beneficcju li huwa moghti: “lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta’
Malta rigward il-qrati ta’ dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-
Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta’ dawk il-
Gzejjer”.
“2. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta’ l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn l-Artikolu 4 tal-Kap 12 jipprovdi li dawn il-qrati huma:
(a) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta’ Malta;
(b) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna.
Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut ilbeneficcju
li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk
joqghodx fil-Gzira ta’ Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju,
l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li “joqghodu, jew
li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f’parti tal-Gzira
ta’ Malta”.

“Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)
ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f’din il-ligi li jaghti
beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati
tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)
applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal
Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li
t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f’Malta u Ghawdex
u “sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira
fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza

ordinarja taghha” (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta’ l-1995). Ilkliem
“sa fejn ikun prattikabbli” (as far as practicable fit-Test
Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni
assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies iccirkostanzi
kollha tal-kaz, b’mod partikolari l-fatt li l-incident
sehh f’Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu
f’Ghawdex, u wasal ghal konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li
l-kaz jinstema’ f’Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda
raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal
Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata.”

Ta min jghid li l-fatti fl-imsemmija kawza kienu wkoll prattikament identici ghall-kaz prezenti fejn attur residenti f’Ghawdex kien involut f’kollizjoni awtomobilistika ma’ konvenut residenti f’Malta.

L-istess japplika ghall-kaz prezenti. Il-maggor parti tax-xhieda tirrisjedi f’Ghawdex. Barra minn dan, l-incident sehh f’Ghawdex u jekk ikun hemm bzonn ta’ access, dan bilfors irid isir f’Ghawdex. B’ mod partikolari ma jkunx prattikabbli li l-wardens, li rredigew l-iskizz u l-okkorrenza tal-incident, jissejjhu sabiex jixhdu f’Malta.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija michuda.

Spejjez ta’ din id-decizjoni riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------